# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 8**

**Avviz numru 662/01/SM**

**Forestals (Appliances) Limited**

**vs**

**Franco Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm1,526.17,0) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu mis-socjeta' attrici;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata fit-8 ta' Mejju 2001 ammontanti ghall-Lm16.50,0 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1914.01 ipprezentat quddiem l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Gunju 2001 (kopja legali hawn annessa Dokument A) ammontanti ghal Lm50.00 (skond taxxa**

**hawn annessa Dokument B) u tal-Mandat ta' Qbid pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-16 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**